

32005D0872

9.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 322/19

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Novembru 2005

li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka li tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tal-VAT tar-riżorsi proprji

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4421)

(It-test Ċek biss huwa awtentiku)

(2005/872/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

mal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾, tawtorizza lir-Repubblika Ċeka biex teżenta ċerti tranżazzjonijiet mniżżla fl-Anness F tas-sitt Direttiva;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

- (3) Ir-Repubblika Ċeka ma tistax tagħmel kalkolu preċiż tal-bażi tal-VAT tar-riżorsi proprji għat-tranżazzjonijiet imniżżla fl-Anness F, punt 17, tas-sitt Direttiva; kalkolu bħal dan x'aktarx li jinvolvi piż amministrattiv mhux ġustifikat meta wieħed iqis l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijiet fuq il-bażi ta' riżorsi tal-VAT tar-Repubblika Ċeka; ir-Repubblika Ċeka tista' tagħmel kalkolu billi tuża estimi approssimattivi għal din il-kategorija ta' tranżazzjonijiet imniżżla fl-Anness F tas-sitt Direttiva; ir-Repubblika Ċeka għandha għalhekk tingħata awtorizzazzjoni biex tikkalkula l-bażi ta' VAT billi tuża estimi approssimattivi skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 6 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju, 1989, dwar l-arranġamenti definittivi uniformi għall-ġbir tar-riżorsi proprji li jiġu mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003,

- (4) Il-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji approva r-rapport li jirreġistra l-opinjoni tal-membri tiegħu dwar din id-Deċiżjoni;

Billi:

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

- (1) Skond l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju, 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxa fuq il-bejgħ gross – Sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' l-evalwazzjoni ⁽²⁾, minn issa 'l quddiem imsejja "is-sitt Direttiva", l-Istati Membri jistgħu jkomplu jagħtu eżenzjonijiet jew jintaxxaw ċerti tranżazzjonijiet; għandu jittieħed kont ta' dawn it-tranżazzjonijiet biex tkun determinata l-bażi tar-riżorsi tal-VAT;

Artikolu 1

- (2) Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 28(3) tas-sitt Direttiva, titolu 5, §1 ta' l-Anness V (Tassazzjoni) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka

Għall-iskop biex tkun ikkalkulata l-bażi tal-VAT tar-riżorsi proprji mill-1 ta' Mejju, 2004, ir-Repubblika Ċeka hija awtorizzata biex tuża estimi approssimattivi għall-kategoriji li ġejjin ta' tranżazzjonijiet imsemmija fl-Anness F tas-sitt Direttiva:

1. Trasport tal-passiġġieri (Anness F, punt 17).

⁽¹⁾ ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

⁽²⁾ ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendat l-aħħar bid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

⁽³⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 803.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Novembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Dalia GRYBAUSKAITE
Membru tal-Kummissjoni
